**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Nicholas Debono *sive* Lino, bhala mandatarju ta' l-assenti huh, Gustav Debono

*versus*

Sabah u Laila konjuġi Sufou

**_Actore non Probante Reus Absolvitur_ - Prinċipju meta l-Qorti Jkollha Quddiemha Żewġ Versjonijiet Differenti - Konvinċiment Morali tal-Qorti**

*Il-Qorti ta' l-Appell hasset illi ma kellhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti li sabet illi minhabba nuqqas ta' prova ta' ftehim li seta' faċilment jiġi dokumentat, l-attur naqas li jaghmel il-provi tieghu u ghalhekk il-Qorti ċahdet it-talba tieghu.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Lulju, 1996, fil-kawża fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif ġej:

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attur *noe* fit-18 ta' Jannar, 1996 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuh is-somma ta' mitejn u seba' u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin ċentezmu (Lm247.45), minnhom lilu dovuti bhala bilanċ ta' konsum u kera ta' ilma u dawl fil-fond "Moonlight", Triq Ġebel Hanxul, Marsaskala, lilhom mikri sal-31 ta' Ottubru, 1995;

Bl-ispejjeż inklużi dik ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Diċembru, 1995 u l-mandat ta' sekwestru, li ġie pprżentat konstitwalment, u bl-imghax skond il-liġi, kontra l-konvenuti li ġew inġunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċepew illi t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ftehim tal-kirja tal-fond u ċjoè garaxx b'kamra wahda, "Moonlight", Triq il-Ġebel Hanxul, Marsaxkala;

Kien *fis-sens li l-ħlas ta'* kull xahar kien jikkomprendi ukoll il-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u ilma;

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi li l-konvenuti damu jokkupaw il-fond fuq imsemmi għal xi sentejn u nofs u wara li ħarġu ġew ippreżentati b'kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' Lm277.75 li rrifjutaw li jħallsu għax qalu li l-konsum tad-dawl u ilma kien inkluż *fil-kera*;

Fil-fatt hemm diverġenza bejn il-partijiet dwar verament x'kien il-ftehim milħuq. L-attur jgħid li l-ftehim kien li l-konvenuti jħallsu Lm50 fix-xahar netti u l-konsum tad-dawl u ilma kellu jkun a karigu tagħhom biss, fl-aħħar sitt xhur qabel ma telqu, bdew iħallsu Lm5 oħra biex jaqtgħu l-arretrati tal-konsum. Ftehim bil-miktub ma kienx hemm u l-attur qatt ma rrilaxxa rċevuta. Jgħid li l-konvenuti qatt ma talbuh irċevuta u hu qatt ma rrilaxxja waħda;

*Il-konvenuti min-naħa* l-oħra jgħidu li l-kera kellha tkun ta' Lm40 fix-xahar, *iżda* l-attur kien talabhom Lm10 oħra biex jinkludi ukoll *id-dawl u l-ilma*. Meta mbagħad ġiet introdotta l-liġi tal-VAT, l-attur talabhom Lm5 oħra u b'hekk ġie li bdew iħallsu Lm55 fix-xahar. *Jikkonfermaw* li ftehim bil-miktub ma kienx hemm u huma qatt ma aċċettaw li jħallsu l-ammont mitlub bin-nifs;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nuqqas ta' skrittura bejn il-partijiet, il-Qorti trid toqgħod fuq dak li qalulha l-partijiet u dawn taw versjonijiet nettement opposti u t-tnejn probabbli fiċ-ċirkostanzi. Jidher li ma kienn hemm ħadd preżenti għal dan il-ftehim u l-attur ġab prova biss ta' terzi li qalu x'kien isir f'kirjiet oħra. Din il-provi hi, għall-fini ta' din il-kawża, irrilevanti, u għalhekk jibqa' biss dak li qalu l-partijiet;

Il-Qorti diffiċli tgħid liema minn dawn il-versjonijiet hija l-waħda korretta u ma tħossx għalhekk li l-attur wasal għal dik il-grad ta' prova biex jiġġustifika t-talba tiegħu. Jista' jkun li kien hemm xi malintiż bejn il-partijiet minħabba l-lingwa iżda jibqa' l-fatt li fin-nuqqas ta' prova konkreta bħal ma kienet tkun skrittura, il-Qorti mhix f'posizzjoni li tilqa' t-talba ta' l-attur;

Fil-kawża fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker** ***vs*** **J. Camilleri**, deċiża mill-Prim'Awla fil-31 ta' Mejju, 1972, il-Qorti kienet qalet li "... f'kawża ċivili l-attur li jallega li ġratlu ħsara b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli";

Aktar riċenti ġiet deċiża kawża mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru, 1995 fl-ismijiet **Joseph Rausi** ***nomine et vs*** **John Muscat**, li bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-prinċipju illi, ladarba kienu jeżistu żewġ versjonijiet differenti li t-tnejn setgħu jirriżultaw li kienu veritajiet, allura l-Qorti ma setax ikollha konvinċiment morali bbażat fuq preponderanza ta' probabilitajiet. B'hekk l-unika konklużjoni li setgħet tasal għaliha hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet b'mod sodisfaċenti u għalhekk fuq l-iskorta tal-prinċipju *actor non probante, reus absolvitur*, dawn it-talbiet kellhom jiġu miċħuda;

Il-Qorti ma tara xejn differenti f'dan il-każ, u fuq l-iskorta

ta' dan l-istess tagħlim m'għandhiex triq oħra ħlief li tiċħad it-talba ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu";

Minn din is-sentenza appella Nicholas Debono *nomine* permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Awissu, 1996, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza minnu appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat, fl-istess ħin tilqa' t-talbiet ta' l-appellant kif dedotti fl-avviż, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellat bl-imgħaxijiet skond il-liġi;

L-appellati ppreżentaw risposta fl-20 ta' Awissu, 1996, li biha ssottomettew ir-raġunijiet tagħhom in sostenn tat-teżi li l-appell għandu jiġi respint u din in-nota tinsab infilzata fil-proċess;

L-aggravji ta' l-appellant essenzjalment huma ftit. Fl-ewwel lok huwa jipprova jieħu vantaġġ mill-fatt li jirriżulta li l-appellat, ċjoè, Sabah Sufou kien mar għand l-avukat ta' l-appellant u deher li kien propens jasal fi ftehim, u kien jirranġa u jħallas kieku ma ndunax li kien laħaq inkorra fi spejjeż addizzjonali. Dan allavolja kien wera l-intenzjoni tiegħu li jħallas;

L-appellant imbagħad jattakka l-eżerċizzju li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija kredibbilità u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu tendenti biex juru li kien hemm fatturi biżżejjed fil-proċess li kienu jiġġustifikaw lill-Ewwel Qorti tasal għall-konklużjoni opposta għal dik li waslet għaliha;

Ikkunsidrat:

Kwantu jirrigwarda l-allegazzjoni li qed jagħmel l-appellant li l-appellat Sahab Sufou kien ammetta l-pretensjoni ta' l-appellant meta żar lill-avukat difensur tiegħu, dak li

jirriżulta huwa li, huwa veru li effettivament dan l-appellat mar ikellem lill-avukat difensur ta' l-appellant, iżda ma jirriżulta minn imkien li f'xi ħin l-appellat ammetta r-responsabbilità tiegħu għall-ħlas ta' dak li kien qed jiġi mitlub. Din is-sottomissjoni, għalhekk, għandha biss importanza marġinali, jekk għandha!

Kwantu jirrigwarda l-kumplament tal-provi, dawn iridu jittieħdu *fl-assjem* tagħhom u dejjem fil-parametri ta' dak *illi huwa permess minn din* il-Qorti li tagħmel, u ċjoè, *li f'dan l-eżerċizzju tikkunsidra* biss jekk l-Ewwel Qorti kinitx *raġonevolment ġustifikata li* tasal għall-konklużjoni li waslet tenut *kont tal-provi*;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-każ karatterizzat iktar milli ħag'oħra, min-nuqqas ta' provi dwar il-ftehim li setgħu faċilment jiġu dokumentati permezz ta' skrittura min-nuqqas ta' riċevuti - mankanzi li sfortunatament min jagħmilhom ma jirrealizzax li hemm prezz x'iħallas għalihom - din il-Qorti ma tarax kif b'xi mod, anke lontanament tista' tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-Ewwel Qorti fil-konklużjoni tagħha. Infatti bħalha tasal għall-konklużjoni li l-attur *nomine* naqas li jagħmel il-prova neċessarja biex it-talbiet tiegħu jkunu jistgħu jiġu milqugħa;

Għal dawn *il-motivi* l-appell qed jiġi respint, is-sentenza appellata *qed tiġi kkonfermata*, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu ta' l-appellant.

---